# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 5 TA' FRAR, 2001

*Avviz. Nru 1942/00 AJD*

Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera The Performing Right Society Limited ta' Londra

vs

Diacono Co. Ltd.

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Dicembru, 2000, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsin liri Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm50.39) rapprezentanti hlas ta' Royalty in kwantu ghal tlieta u erbghin liri Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm43.82) Royalty u sitt liri u sebgha u hamsin centezmi (Lm6.57) Taxxa fuq il-Valur Mizjud dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Nru. 7289 (Dok. A) rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Giuseppi's Wine Bar ghall-perijodu mis-6 ta' Awissu, 2000, sal-5 ta' Awissu, 2001.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-31 ta' Ottubru, 2000, l-ispejjez tal-Avviz u bl-imghax kummercjali, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-Prokuratur Legali Josette Attard in rappresentanza tas-socjeta' atrici li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsin liri maltin u disgha u tletin centezmi (Lm50.39) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR